MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 2727/1996/1

**Carmelo u Mary konjugi Gauci**

**Vs**

**Nicholas Muscat.**

**Il-Qorti.**

**PRELIMINARI**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi b'kuntratt tas-16 ta' Lulju, 1983 fl-atti tan-Nutar Dr. Nicola Said, l-attur Carmel Gauci xtara u akkwista ghalqa fill-limiti tas-Siggiewi, kontrada ma' "Ta Trapna" (Dok. "A").

Premess illi skond l-imsemmi att pubbliku l-atturi ghandhom dritt ta' passagg bir-rigel u bil-bhima u meta jkunx prodott ossia ucuh anke bil-karrettun minn fuq l-

ghalqa vicina ta’ l-eredi ta’ Carmela mart Michel’Angelo Zammit.

Premess illi ghal dawn l-ahhar snin il-konvenut Nicholas Muscat ghamel uzu mill-istess passagg ta’ l-attur u dan, nonostante l-fatt li ghandu fil-pussess tieghu moghdija ohra min fejn jista’ jghaddi, bir-rizultat li qed johloq hsarat lill-hajt tas-sejjieh ta’ l-atturi, kif gie certifikat mill-Perit J. Grech A & CE (Dok. “B”).

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjarah responsabbli tad-danni kkawzati fil-hajt tas-sejjieh ta’ l-attur;

2. Tillikwida d-danni;

3. Tikkundanna ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-4 ta’ Jannar, 1996 kontra l-konvenut nomine.

Rat **in-nota tal-eccezzjonijiet** tal-konvenut a fol 12 fejn eccepixxa;

1. Illi l-konvenut min dejjem ta’ dejjem kellu d-dritt ta’ passagg imsemmi kif ahjar deskritt ta’ taht l-Gharoka Tat-Taflija u dan l-uzu kien ezistenti anke min zmien missier il-konvenut, Guzepp Muscat liema dritt ta’ uzu tal-passagg ghalhekk imur lura ghall-aktar minn mitt (100) sena;

2. Illi barra minn hekk il-konvenut ma kienx parti mill-kuntratt imsemmi mill-atturi ta’ 16 ta’ Lulju, 1983 publikat minn Nutur Nicola Said;

3. Illi ma hux veritier li l-konvenut ghandu xi dritt iehor ta’ passagg;

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet a fol. 31;

Rat ir-relazzjoni tal-perit Rene Buttigieg a fol. 57;

**Rapport Perit Buttigieg**

**Kostazzjonijiet fattwali:**

Il-parti ta' quddiem tal-hajt tas-sejjiegh fih partijiet minnu li jindikaw li gew imsewwija jew rikostruwiti, ghar-raguni l-aktar probabbli li dawn sofrew selhiet fihom li waqghu,u kellhom jerghu jimbnew.

Li fil-parti tal-hajt fuq wara jidher gebel li jghati ndikazzjoni ta' hruq u dil-parti hija mghottija bil-liedna li tixxebblek ma' l-istess hajt.

Li, fil-passagg, fl-ghalqa ta' taht, hemm indikazzjonijiet li minn hemm jghaddu vetturi, peress illi fl-art hemm il-marki ta' tyres.

**Konsiderazzjonijiet**

L-attur ghamel din il-kawza billi qed isostni li l-konvenut ghal dawn l-ahhar snin l-ghamel uzu mill-istess passagg ta' l-attur u dan, nonostante l-fatt li ghandu moghdija ohra minn fejn jghaddi, bir-rizultat li qed johloq hsarat lill-hajt tas-sejjieh tieghu, kif gie certifikat mill-Perit J. Grech A & CE (Dok. “B”) u ghalhekk talab lill Qorti tiddikjara lill-konvenut responsabbli tad-danni kkawzati fil-hajt tas-sejjieh.

Il-kwistjoni ghalhekk m’hiex fuq id-dritt ta’ passagg, imma jekk il-konvenut ghamilx hsara fil-hajt tas-sejjieh kif qed jallega l-attur.

Il-konvenut, jista’ kellu jew ma kellux dritt ta’ passagg, imma hu ma setghax jaghmel hsara lill proprjeta’ ta’ haddiehor.

Ghalhekk l-attur irid jipprova li l-hsara giet kagjonata mill-konvenut. L-allegazzjoni ta’ l-attur hija li fil-parti ta’ quddiem tal-hajt qed isofri hsara minhabba l-uzu ta’ mezzi mekkanici, waqt li fil-parti ta’ wara, parti mill hajt juri ndikazzjoni ta’ gebel mahruq li ghamlu l-konvenut.

"F'kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax - ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova - li l-incident ikun gara tort tieghu. Dan mhux ghaliex il-tort ghall incident ikun tal-attur imma semplicement ghaliex ma jkunx irnexxilu jipprova dak li allega bhala bazi tal-azzjoni tieghu." (Ara Dr. H. Lenicher vs J. Camilleri 31/3/72 PA RF ).

Fil-kaz in ezami l-attur ipprezenta certifikat mill-Perit J. Grech A & CE (Dok. “B”). fol. 6 fejn dan iccertifika li “*third parties who own properties adjacent to Mr.Bonello’s fields are continuously accessing their properties by vehicular means, making use of what should supposedly be a footpath running long the rubble wall on Mr. Bonello’s side. This constant vehicular access is leading to damage to the rubble wall which is built on clay foundations. In fact parts of the wall have already collapsed and were reconstructed at Mr.Gauci’s expense. Other areas of the wall exhibit clear signs of bulging and vehicular traffic passing close to the wall could lead to further damage*.”

L-attur xehed li l-konvenut kien ghamillu hsara fil-hajt tas-sejjieh u kellu liedna li kull sajf il-konvenut kien jahraqha biex ikun jista johrog barra bil-van.

Emmanuel Bonello li ghandu ghalqa vicin ta’ l-attur xehed li kemm ilu jghaddi minn hemm Muscat, il-hajt tas-sejjieh beda niezel u Muscat anke ghamillu hsara fit-tadam.

Paul Bonello xehed li biex jghaddi minn dana l-passagg Muscat ihakkek mal-hajt bil-konsegwenza illi f’diversi okkazzjonijiet il-hajt tas-sejjieh waqa’ f’xi partijiet u jkompli jghaddi xorta wahda madwar il-gebel imwaqqa. Dan jaghmlu meta ma jkunux hemm. Kull darba li jaqa’ l-hajt Gauci isewwieh. Dan gara xi hames darbiet…... Il-konvenut gieli haraq xi haxix li jkun ma’ l-art hdejn il-hajt u dana jdaghjjef il-hajt.

Il-konvenut, fil-Qorti xehed li hu dejjem ghadda mill istess passagg. Hu ma qala’ ebda gebel u lanqas ma ghamel hsara diretta fuq il-hajt…. Cahad li haraq il-hmieg taht il-hajt ta’ l-attur. Hu jnaddaf il-hmieg li jitla bejn il-hajt tieghu u ta’ l-attur. Il-hajt kien waqa’ xi 6/7 snin ilu u kien tellghu hu. Il-hajt ta’ Bonello waqa’ bix-xita ghax qieghed fuq it-tafal. It-trejqa minn fejn jghaddi hu ma ticcaqqlaqx. Meta jghaddi bil-vettura magemb il-hajt ikun hemm distanza ta’ xi zewg piedi u nofs bejnu u l-hajt. Hu qatt ma laqat il-hajt bil-karozza.

Il-konvenut rega xehed quddiem il-Perit u fuq dina l-kwistjoni kien qal li l-hitan ma gemb l-ghalqa ta’ l-attur mhumiex nodfa, hemm l-ghollieq, liedna u dwieli selvaggi, pero’ meta kienet f’idejn ta’ qabel l-attur kienet nadifa. Dawn kienu jaharqu xi sigar hemmhekk meta kienu jmutu. L-ahhar li harqu kien xi 16 il sena ilu. Hu qatt ma haraq fil-hajt jew qabbad lill haddiehor jaghmel hekk.

Dwar id-dwieli, l-gholieq u l-liedna li hemm fil-passagg qal li jnehhihom bl-imqass taz-zabra, bl-imghazqa u bil-mingel, waqt li dawk tal-hajt jaqlghalhom iz-zewg itruf biex ta’ bejniethom jinxfu u jmutu fuq il-post. Hu cahad li qatt ghamel hsara, anzi l-hsara qed issir minn tlett snin ‘l hawn ghax l-attur m’ghadux inaddaf u z-zkuk hxienu u berrqu l-hajt.

Hu kien inaddaf il-liedna biex bil van ma jkollux bzonn johrog il barra hafna minn mal hajt ghal fuq ir-raba. Hu

qatt ma laqat il-hajt bil van, u dan billi jekk jolqot ma dan il-hajt tal-qawwi jfarrak il-karozza u ghalhekk ihalli pied u nofs bejn il-van u l-hajt.

Il-konvenut gab xhieda li qalu li qatt ma rawh jaghmel hsara fil-hajt jew jahraq xi haga. Il-liedna u hxejjex simili fil-passagg kienu jizbruhom bl-imghazqa biex jghaddu.

## KONSIDERAZZJONIJIET

Mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-attur xi darba partikolari ra lill konvenut f'xi okkazzjoni jolqot il-hajt bil-karozza jew jahraq il-liedna. Paul Bonello xehed li Muscat biex jghaddi minn dana l-passagg kien ihakkek mal-hajt bil-konsegwenza illi f'diversi okkazzjonijiet il-hajt tas-sejjieh waqa' f'xi partijiet u l-konvenut jkompla ghaddej xorta wahda madwar il-gebel imwaqqa. Izda hawn Bonello zied li dan Muscat jaghmlu meta hu ma jkunx hemm. Jigifieri hu qatt ma rah b'ghajnejh jolqot u jwaqqa' l-hajt.

Kwantu ghall allegazzjoni li l-hajt jaqa' jew qed icedi minhabba li Muscat jghaddi bil-karozza, jirrizulta mill-provi li uzu tal-passagg bil-karozza ma jsirx biss mill-konvenut imma anke mill-attur, minn Bonello u xi ohrajn.

Dwar il-liedna u haxix iehor li hemm mal-hajt, il-konvenut ammetta li hu kien jaqta' dana l-haxix u l-liedna b'attrezzi agrikoli biex ikun jista' jghaddi minghajr diffikolta, izda cahad li qatt haraq dawn l-affarijiet mal-hajt tas-sejjieh. Hu spjega li dan kienu jaghmluh in-nies li kellhom l-ghalqa qabel l-attur.

Jigi rilevat li l-konvenut ilu zmien juza dana l-passagg u ma jidhirx li qabel kien hemm xi nkwiet jew imputazzjoni li hu kien jaghmel il-hsara. Almenu prova f'dan is-sens ma ngabitx. Kien biss minn xi snin 'l hawn li beda l-inkwiet, apparentement wara li l-attur xtara l-ghalqa.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-attur ma rnexxilux jipprova li l-konvenut ikkawza d-danni allegati mill-attur.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tichad it-talba attrici
bl-ispejjez kontra l-atturi

---------------------------------TMIEM---------------------------------